MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1392/2000/1

**Nazzareno u Mary Grace konjuġi Seguna**

***Versus***

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika fl-isem u fl-interess tal-Gvern ta' Malta**

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni wara li korra fuq il-post tax-xogħol.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fis-6 ta' Lulju 1998 l-attur ġarrab debilità li ma jfieqx minnha meta kien fuq xogħol tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u ntlaqat f'għajnu l-leminija b'farka azzar. Kellu jsirlu intervent b'urġenza u dam nieqes mix-xogħol għal madwar sena. Wara l-ewwel intervent il-vista tiegħu kompliet tmur lura u kellu jagħmel intervent ieħor, u għadu jista' jkompli jmur lura wkoll.

Billi qegħdin igħidu illi l-ħtija kienet tal-konvenut Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, illi jwieġeb għan-nuqqasijiet ta' l-uffiċjali u l-impjegati tad-dipartiment, iżda għalxejn sejħu lill-konvenuti b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Ġunju 2000 biex

jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti jew xi wieħed minnhom għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur fl-inċident tas-6 ta' Lulju 1998;
2. tillikwida d-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom jaħti jħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu u għandu jinħeles mit-talbiet;
2. l-inċident tas-6 ta' Lulju 1998 ma ġarax minħabba xi nuqqas tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet;
3. wara li l-attur weġġa' fuq il-post tax-xogħol ġara dak li trid il-proċedura stabilita għal każijiet bħal dan mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex ikun magħruf kemm hija id-*Disablement Gratuity* li għandha tingħata lill-attur; u
4. id-dipartiment konvenut hu marbut bid-deċiżjoni tal-bord maħtur mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Il-qorti tibda biex tgħid illi l-kontradittùri leġittimi fil-każ tallum huma l-atturi li ġarrbu d-danni u d-dipartiment li miegħu kien jaħdem l-attur meta korra u li kien responsabbli għall-post tax-xogħol. L-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu u kien imħarrek għalxejn; kien ikun biżżejjed illi l-Avukat Ġenerali jkun notifikat kif irid l-art. 181B(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-qorti għalhekk teħles lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

L-inċident li fih korra l-attur seħħ hekk:

L-attur kien qiegħed jaħdem ma' impjegati oħra tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet li kienu qegħdin iwaqqgħu maħżen fil-Birgu. It-twaqqigħ kien qiegħed isir billi balla tqila tal-metall imdendla b'*cable* minn *crane* taħbat mal-bini b'moviment bħal pendlu. Parti mix-xogħol ta' l-attur kien illi jorbot il-balla tal-metall mal-*cable* imdendel mill-*crane*. Bħala *safety gear* kienu ngħatawlu żraben u ingwanti, iżda ma kellux *helmet* jew xi għata oħra għal

rasu jew wiċċu; ma kienx hemm il-prassi dak iż-żmien illi lil impjegati bħall-attur jingħataw struzzjonijiet dwar *safety* fuq il-post tax-xogħol.

Hekk kif il-*crane* ġie biex jerfa' l-metall, il-*cable*, li huwa *multi-strand*, stira u taret farka metall li laqtet lill-attur f'għajnu tal-lemin. X'aktarx illi li ġara hu jew illi, meta l-*cable* stira għax beda jerfa' l-piż, inqatgħet xi *strand* u, billi kienet taħt tensjoni minħabba l-piż, taret u laqtet lill-attur, jew inkella illi kien hemm xi farka ta' metall maqrusa bejn l-i*strands* u din taret kif il-piż tal-balla ħoloq tensjoni fil-*cable*.

L-Inġinier Aurelio Cassar, li jaħdem bħala *chief engineer* fit-taqsima tad-dipartiment konvenut li tieħu ħsieb il-manutensjoni tal-*plant*, xehed illi "*lifting equipment* irid igħaddi *certification test* perjodikament", iżda "ta' dak l-*excavator* partikolari kien ilu ma jseħħ wieħed għax kien għamel żmien ma jintuża"[1]. Kompla jgħid ukoll illi t-*test* kien ilu ma jsir "numru ta' snin"[2]. Huwa wkoll indikattiv il-fatt illi fil-21 ta' Lulju 1998, ftit jiem wara li korra l-attur, saret talba mid-dipartiment biex jinħareġ *cable* ġdid flok dak li kien hemm dakinhar ta' l-inċident[3].

Fil-fehma tal-qorti, dan juri nuqqas min-naħa tad-dipartiment meta ħalla lil impjegati tiegħu jaħdmu b'apparat illi, għalkemm il-prassi tajba titlob illi jsirulu eżamijiet perjodikament, kien ilu snin ma jkun eżaminat minn bniedem kompetenti biex jara jekk il-metall tal-*cable* kienx iddgħajjef biż-żmien, aktar u aktar jekk kien għamel żmien twil wieqaf. Dan in-nuqqas wassal biex l-attur tħalla jaħdem f'ambjent fejn ma kienx sar dak kollu li seta' jsir biex il-perikolu, jekk ma jitneħħiex għal kollox, jitnaqqas kemm jista' jkun, u juri illi d-dipartiment konvenut ma ħax il-prekawzjonijiet kollha li trid il-liġi.

Id-dipartiment konvenut għalhekk jaħti għall-inċident u għandu jwieġeb għad-danni.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni, u nibdew billi nqisu l-*lucrum cessans*.

L-attur kellu ħamsa u erbgħin (45) sena meta korra; l-atturi qegħdin għalhekk jippretendu *multiplier* ta' sittax-il

1 *Fol*. 104.

2 *Fol*. 105.

3 *Fol*. 33.

(16) sena waqt illi l-konvenut igħid illi ma għandux ikun aktar minn tnax-il (12) sena.

Il-qorti, wara li qieset l-età ta' l-attur, illi x'aktarx illi l-età meta toħroġ bil-pensjoni sejra tiżdied, illi dawk illi jieqfu mix-xogħol qabel l-età tal-pensjoni huma l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u illi l-għan ewlieni tal-proċess ta' likwidazzjoni tad-danni huwa r-risarċiment tad-danni li ġarrab id-danneġġjat u mhux il-ħarsien tal-karta bilanċjali tad-danneġġjent, hija tal-fehma illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, huwa aktar xieraq *multiplier* ta' sittax-il (16) sena.

Sabiex tara jekk l-attur ġarrabx debilità li ma jfieqx minnha, il-qorti b'dikriet tas-27 t'Awissu 2001[4] ħatret espert u dan irrelata fil-11 t'April 2002[5] illi l-attur għandu debilità permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) f'għajnu l-leminija, li tfisser debilità globali ta' għaxra fil-mija (10%)[6]. B'nota tat-22 ta' Jannar 2004[7] l-espert kompla fisser kif, minn figura ta' 25% għall-għajn il-leminija, wasal għall-figura globali ta' 10%.

Il-konvenut osserva illi meta tkorri f'għajn waħda id-debilità globali għandha tinħadem skond formula li kienet approvata mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Diċembru 1998 *in re* <u>Gasparre Xuereb *versus* Sammy Meilaq *et nomine*</u>**.** Dik il-formula tqis illi, billi l-għajn it-tajba tagħmel tajjeb għan-nuqqas fl-għajn il-korruta, id-debilità globali ma għandhiex tinħadem bħala medja sempliċi bejn l-effiċjenza rispettiva tal-għajnejn, iżda l-effiċjenza tal-għajn it-tajba għandha tingħata piż ta' tliet darbiet aktar minn dik tal-għajn korruta. Il-formula tinħadem hekk: $((t \times 3) + (k \times 1)) \div 4$ fejn $t$ hija l-effiċjenza tal-għajn it-tajba u $k$ hija l-effiċjenza tal-għajn il-korruta. Fil-każ tallum ir-riżultat jiġi hekk: $(100 \times 3) + (75 \times 1) = 375 \div 4 = 93.75$. L-attur għalhekk għandu effiċjenza globali ta' tlieta u disgħin punt deċimali sebgħa ħamsa fil-mija (93.75%) li tfisser debilità ta' sitta punt deċimali tnejn ħamsa fil-mija (6.25%).

Il-qorti tifhem illi din il-formula hija waħda ġenerika illi ma tqisx l-idjosinkraziji ta' każ partikolari. L-espert maħtur

---

4 *Fol* 24 *tergo*.

5 *Fol*. 29.

6 *Fol*. 32.

7 *Fol*. 191.

mill-qorti ma qiesx biss formuli astratti iżda qies ukoll il-kondizzjoni partikolari ta' l-attur, u l-possibbiltà illi jkompli jmur lura. Għalhekk lill-qorti jidhrilha illi aktar għandha toqgħod fuq il-konklużjonijiet ta' l-espert illi wasal għal konklużjoni wara eżami ta' każ partikolari milli fuq formula astratta u ġenerika.

Il-qorti għalhekk tgħid illi l-attur għandu debilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%).

Bħala qligħ medju matul is-sittax-il sena tal-*multiplier*, l-atturi qegħdin jippretendu sebat elef lira (Lm7,000) fis-sena, waqt illi l-konvenuti qegħdin igħidu illi l-qligħ għandu jkun dak tas-sena 2002, meta l-attur kellu dħul ta' ħamest elef, mija u tmienja u erbgħin lira (Lm5,148), bla ma tqis iż-żjidiet li jistgħu jingħataw fil-ġejjieni.

Il-qorti, wara li qieset illi d-danni huma t-telf tal-qligħ fil-ġejjieni, ma tarax kif tista' raġonevolment ma tqisx ukoll iż-żjidiet illi x'aktarx jingħataw fil-ġejjieni, aktar u aktar meta tqis illi l-attur, minħabba d-debilità tiegħu, x'aktarx illi ma jistax isib xogħol li minnu jkollu dħul ogħla. Hija tal-fehma illi s-somma ta' sebat elef lira (Lm7,000) pretiża mill-atturi hija waħda raġonevoli.

Għal dawn ir-raġunijiet it-telf ta' qligħ ta' l-attur matul sittax-il sena jiġi ħdax-il elf u mitejn lira, maħdum hekk: Lm7,000 × 16 × 10% = Lm11,200.

Il-konvenut igħid illi għandha titnaqqas is-somma li l-attur irċieva taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali talli korra. Dak il-ħlas iżda ngħata lill-attur għax kien ħallas għalih bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali[8]. Benefiċċji kontributorji jingħataw lil min ikun ħallas għalihom, mhux lil min ikun għamel il-ħsara, kif jiġri jekk jitnaqqsu mis-somma li għandha titħallas bħala danni. Għalhekk ma għandux isir it-tnaqqis li qiegħed jippretendi l-konvenut.

L-attur qiegħed jippretendi wkoll imgħax minn dakinhar meta nfetħet il-kawża fis-6 ta' Lulju 2000, waqt illi l-konvenut qiegħed igħid illi għandu jsir tnaqqis talli l-attur sejjer jieħu bil-quddiem ħlas li normalment kien idaħħal imqassam fuq sittax-il sena.

Huwa minnu illi l-imgħax għandu jitħallas minn dakinhar meta nfetħet il-kawża, għax, meta tinfetaħ kawża, il-

8 Ara x-xhieda ta' Adrian Attard fis-seduta tal-11 ta' Frar 2003, *fol*. 151.

prinċipju illi *lite contestata usuræ currunt*[9] jegħleb il-prinċipju illi *in illiquidis non fit mora*; huwa minnu wkoll illi l-attur sejjer jieħu benefiċċju għax jirċievi bil-quddiem il-qligħ tal-ġejjieni; huwa minnu wkoll illi l-inċident ilu li seħħ aktar minn sitt snin, u għalhekk l-attur, għal parti mid-danni, sejjer jitħallas b'lura u mhux bil-quddiem. Huwa xieraq għalhekk illi dawn il-fatturi jpaċu lil xulxin b'mod illi la jsir it-tnaqqis li jrid il-konvenut u lanqas l-imgħaxijiet li jridu l-atturi, b'dan illi l-imgħax jibda jgħaddi millum.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' ħdax-il elf u mitejn lira (Lm11,200).

Ngħaddu issa għad-*damnum emergens.* L-attur qiegħed jippretendi tnejn u disgħin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm92.36) li għalihom esebixxa riċevuti u mija u ħamsin lira (Lm150) spejjeż mediċi li għalihom ma għandux riċevuti, b'kollox mitejn u tnejn u erbgħin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm242.36). Il-konvenut jammetti l-ispejjeż ġustifikati b'riċevuti iżda mhux ukoll l-oħrajn.

Il-qorti taqbel mal-konvenut. Għalkemm is-somma li qiegħed jippretendi l-attur ma hijiex esaġġerata fiċ-ċirkostanzi, madankollu la qiegħed jippretendi ħlas mingħand ħaddieħor kellu d-dmir illi jitlob riċevuti, ladarba l-liġi tagħtih il-jedd u, anzi, tqiegħed fuqu d-dmir, illi jitlob riċevuta fiskali kull meta jagħmel ħlas.

Il-qorti għalhekk tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' tnejn u disgħin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm92.36), u d-danni b'kollox fis-somma ta' ħdax-il elf, mitejn u tnejn u disgħin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm11,292.36).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li teħles lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju, u tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, tgħid illi l-inċident tas-6 ta' Lulju 1998 li fih korra l-attur seħħ b'nuqqas u bi ħtija tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, tillikwida d-danni fis-somma ta' ħdax-il elf, mitejn u tnejn u disgħin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm11,292.36), u tikkundanna lill-istess Direttur Ġenerali jħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax fuqhom b'seħħ millum.

[9] Dig.22.1.35; Paulus 57 *ad ed*.

L-ispejjeż ta’ l-Avukat Ġenerali jħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom il-konvenut Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------